**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 5**

**L-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.41 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Cressida Galea*, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 4, li saret fis-27 ta' Settembru 2022, kienu kkonfermati.

**Punt ta' Kjarifika**

L-Onor. Karol Aquilina ġibed l-attenzjoni li fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li hu kellu jipprovdi abbozz ta' nota li għandha tintbagħat lill-Ministri sabiex huma jikkonfermaw li ma hemm l-ebda informazzjoni jew dubji dwar il-kondotta u l-imġiba tal-persuni li jinnominaw għal karigi li jaqgħu fil-mansjoni tal-Kumitat.

L-Onor Aquilina talab lis-segretarja sabiex tikkjarifika din id-deċiżjoni mit-traskrizzjoni tal-aħħar laqgħa, liema traskrizzjoni ġiet iċċirkolata lill-Onor Aquilina, kif ukoll lill-bqija tal-kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR GODFREY C. XUEREB GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR RESIDENTI GĦAL WASHINGTON, L-ISTATI UNITI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għal ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor Ian Borg, datata 12 ta' Ottubru 2022, dwar in-nomina ta' Dr Godfrey C. Xuereb bħala Ambaxxatur residenti għal Washington, l-Istati Uniti.

Il-Kumitat stieden lil Dr Godfrey C. Xuereb sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Xuereb kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Godfrey C. Xuereb daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Xuereb li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dr Godfrey C. Xuereb ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur tas-saħħa. Huwa qal li kien l-ewwel Malti li ggradwa u ħadem bħala Nutritional Dietician. Ħadem ukoll fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa, fil-qafas nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali, u kompla fil-karriera tiegħu mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa b'kollaborazzjoni mal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin ta' diversi pajjiżi u organizzazzjonijiet oħra sabiex jiġu implimentati numru ta' proġetti li jħarsu s-saħħa tal-bniedem. Fost dawn il-proġetti, semma dawk li jħarsu lejn l-HIV, kif ukoll in-nutrizzjoni u l-obeżità.

Fil-preżent huwa jokkupa l-kariga ta' Head of Country and Subregional Cooperation at Pan American Health Organization u l-portafoll tiegħu kien jinkludi li jieħu ħsieb proġetti relatati mas-saħħa pubblika f'pajjiżi bħall-Karibew, kif ukoll l-Ameriki ta' Fuq u ta' Isfel.

Il-President tal-Kumitat  stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Għall-mistoqsija tal-Onor. Karol Aquilina dwar x'impressjoni għandu tar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Istati Uniti, Dr Xuereb wieġeb li Malta dejjem kienet meqjusa bħala pajjiż importanti, nazzjon li huwa sors importanti ta' ħbiberija b'relazzjonijiet li nżammew qrib. Għall-Amerika, il-Maltin huma meqjusin bħala immigranti eżemplari u ħabrieka. Huwa rrimarka li huwa interessanti li malli tissemma Malta fl-Amerika, isiru referenzi għall-passaġġi fil-Bibbja fejn San Pawl żar lil pajjiżna, kif ukoll ġrajjiet importanti fl-istorja fosthom l-irwol ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija, u fuq livell iktar politiku fil-laqgħat importanti li kienu saru waqt is-Summit ta' Malta bejn il-President Amerikan George H. W. Bush u s-Segretarju Ġenerali Sovjetiku Mikhail Gorbachev fit-2–3 ta' Diċembru 1989, fost oħrajn.

Dr Xuereb kien mistoqsi dwar jekk jaħsibx li hemm tensjonijiet bejn Malta u l-Istati Uniti u fost is-suġġetti li ssemmew, kien hemm il-biża' mill-Amerika li Malta tkun influwenzata negattivament minn pajjiżi ġirien bħal-Libja. Saret mistoqsija wkoll dwar kif l-Amerika tħares lejn il-bejgħ minn Malta taċ-ċittadinanza u tal-passaporti lil barranin. F'dan ir-rigward Dr Xuereb issottolinea li l-Amerika teżamina b'mod regolari l-proċessi tal-bejgħ tal-passaporti u tapprezza l-fatt li Malta għandha proċess iktar rigoruż minn pajjiżi oħra fosthom St Kitts and Nevis u l-Karibew, però għandu jkun hemm aktar rigorożità speċjalment minħabba l-persuni li huma interessati fl-akkwist ta' passaporti ġodda, u l-pajjiż tal-oriġini tal-persuni.

Għall-kummenti li fid-dawl tal-gwerra tal-Ukrajna għandu jsir skrutinju akbar fil-konfront ta' individwi Russi li xtraw passaport Malti u l-pressjonijiet li dawn jistgħu jġibu magħhom, Dr Xuereb qal li l-irwol prinċipali ta' Ambaxxatur huwa li jkun negozjatur tajjeb, u jħoss li l-kwistjoni tal-passaporti, u s-sitwazzjoni fl-Ukrajna ser tkun 'front and centre', minħabba l-fatt li jidher li l-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja qed taqleb għal waħda diplomatika. Għalhekk il-kuntatt ma' Malta ser ikun importanti immens.

Dr Xuereb qal li jħoss li għalkemm il-kwestjoni tal-iskema tal-bejgħ tal-passaporti hija importanti, hemm prijoritajiet oħra li għandhom jiġu 'l quddiem fuq l-aġenda jekk hu jkun approvat mill-kumitat sabiex jirrappreżenta lil Malta fl-Istati Uniti.

L-Onor. Adrian Delia staqsa dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kif l-Amerika tħares lejn Malta fl-isfera ekonomika. Dr Xuereb ikkummenta li kulħadd irid jara l-istampa kollha. L-Amerika tagħmel id-

due diligence checks kollha tagħha u teżamina l-progress *o meno* tal-pajjiżi kollha u dan tagħmlu b'mod rigoruż. Meta ġie mistoqsi jekk ikun fil-kariga li kien qed jiġi nnominat għaliha jgħinx lill-awtoritajiet Maltin f'xi proċessi ta' arrest li jaf ikun hemm bżonn, hu wieġeb li bħala negozjatur u medjatur, u jekk ir-regoli kollha jkunu qed jiġu osservati, huwa dmiru li jgħin kull fejn ikun hemm bżonn.

Fil-5.31 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Godfrey C. Xuereb u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Dr Godfrey C. Xuereb irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.32 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-5.42 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Godfrey C. Xuereb għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti għal Washington, l-Istati Uniti. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-5.43 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Godfrey C. Xuereb jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Godfrey C. Xuereb daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti għal Washington, l-Istati Uniti, kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fis-5.44 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**